**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**-vs-**

**Abdelsalam M. Nouri Alallagi, detentur tal-Karta tal-Identita` Numru 149293A**

*Disrett Nru. 282/2022*

Illum, 30 ta' Settembru, 2022

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Abdelsalam M. Nouri Alallagi** u ċioe talli:

Fil-lejl ta' bejn 8 u 9 ta' Awwissu 2022, bejn 11.00p.m. u 00.45a.m. waqt li kont fi Triq iz-Zirzieb u/jew fi diversi toroq fi Xlendi, limiti ta' Munxar, Għawdex;

1. Naqas milli jħares xi waħda mill-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Maġistrat Dr. Simone Grech LL.D.) b'digriet ta' nhar il-11 ta' Lulju 2022 u dan bi ksur ta' 579 tal-Kapitolu 9.

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi bi ħsara tas-sid jew tad-detentur, għamel vjolazzjoni oħra kontra l-propjetà ta' Gary Rotin u dan bi ksur ta' artikolu 340 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti ġiet mitluba li tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' l-imsemmija Abdelsalam M. Nouri Alallagi u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmija imputat kif ukoll tordna s-somma bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza miżmuma nhar it-23 ta' Settembru, 2022, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali kif reż applikabbli għal dawn il-proċeduri bl-artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali, u ċioe wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hu ngħata żmien xieraq sabiex jekk irid jerġa' lura minnha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat, tal-fedina penali netta tiegħu w taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u senjatament li l-imputat kien għadu kemm ingħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest anqas minn xahar qabel.

Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 340(d) u 579(1)(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali, issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u tikkundannah **tmien (8) xhur priġunerija** li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġu <u>sospiżi għal tletin (30) xahar mil-lum</u>.

Inoltre ai termini tal-artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali, l-Qorti fissret lill-imputat fi kliem ċar u li jinftiehem l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi li jitnisslu f'każ li hu jikkometti reat ieħor punibbli bi priġunerija fi żmien operattiv ta' din is-sentenza.

Ai termini tal-artikolu 579(1)(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali qed tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tiegħu kif mogħti mill-Onor. Maġistrat Dr. Simone Grech fil-11 ta' Lulju, 2022 filwaqt li tordna li l-ammont ta ħames mitt (€500) ewro jiġu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta.

Finalment, il-Qorti wara li rat l-artikolu 5(2)(a)(d) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, tirrakkomanda lill-Uffiċjal Prinċipali għall-Immigrazzjoni sabiex jikkunsidra jeżerċita l-poteri tiegħu taħt l-imsemmi Att fir-rigward tal-imputat fil-mument opportun.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**

Notifika: Direttur, Reġistru Qrati Kriminali (Għawdex)
Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni